MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 623/2013

**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**CARMEL GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmel Grixti ta’ 41 sena, bin Anthony u Rita nee’ Borg, mwieled Pieta’ fl- 4 ta’ Ottubru 1972, residenti 9, Trejqet l-Iben il- Hali, iz- Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 440372M;

Talli;
1) minn gewwa DMS Import and Export Co Ltd li tinsab gewwa Triq Karlu Gimach, Zebbug Malta u f’ dawn il- Gzejjer, fid- 19 ta’ Gunju 2013 u fil- jiem u x- xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ oggetti tal- ikel,

liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna u bil- valur totali li jeccedi s- somma ta’ €2,329.37 ghad- detriment ta’ D Micallef & Son Import and Export Co Ltd, Steve John Micallef u/jew persuni ohra;
2) u talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe diversi hwejjeg, mehda b’ qerq, jew akkwistati b’ reati, jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3) u talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal eprsuna ohra, minn flus jew oggetti ta’ haddiehor li gew fdati jwe ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnhom specifikat ghad-detriment ta’ D Micallef & Son Export Co Ltd, Steve John Micallef u/ jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi biex tikkunsidra l-piena. L-imputat kien impjegat mas-socjeta’ derubata, u tul numru ta’ xhur seraq diversi oggetti minn ghand l-imghallem tieghu, ghal valur komplessiv ta’ madwar hamest elef Ewro. Hekk kif gie interrogat mill-Pulizija, hu ammetta li

kien ha dawn l-oggetti, u effettivament kien lahaq hallas kollox lura lill-imghallem ghas-saldu, kif jidher mid-dokumenti esebiti u mill-istqarrija tal-imputat. Ghalhekk, kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti tifhem li ghandu jkun hemm mitigazzjoni. Dwar ir-reati ta' approprjazzjoni indebita u ricettazzjoni, jidher li dawn inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghalhekk, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 268, 334, 293 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlittax- il xahar (13) prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------